MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2016

Rikors Maħluf Numru: 242/15LM

**Kaczmarek Marta f'isimha proprju u in rappreżentanza ta' binha minuri Jakub Osama Kaczmarek**

**vs.**

**Antonel Dobre**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-16 ta' Marzu, 2015 minn **Kaczmarek Marta f'isimha proprju u in rappreżentanza ta' binha minuri Jakub Osama Kaczmarek** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi *pro et nomine*") fejn għar-raġunijiet hemm imsemmija għamlet is-segwenti talbiet:

*"1. Illi hija kienet f'relazzjoni ma' ċertu Al Shazliay Saleh Osama (Karta tal-Identità Maltija 0054014A).*

*2. Illi matul din ir-relazzjoni hi ħarġet tqila b'tifel Jakub Osama Kaczmarek.*

*3. Illi fis-17 ta' Marzu, 2012 missier il-minuri Jakub Osama Kaczmarek ġie aggredit ġewwa San Ġiljan mill-konvenut.*

*4. Illi konsegwentement Al Shazliay Saleh Osama miet fl-20 ta' Marzu, 2012 ġewwa l-isptar Mater Dei.*

*5. Illi fid-29 ta' Settembru, 2012 twieled it-tifel Jakub Osama Kaczmarek.*

*6. Illi minħabba li meta twieled missier il-minuri kien diġà mejjet, it-tifel ġie iddikjarat bħala "missier mhux magħruf" fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu u konsegwenza ta' hekk kellha ssir kawża li ġiet deċiża fit-30 ta' Ottubru, 2014, ċitazzjoni numru 271/2012, fl-ismijiet A B vs. Direttur tar-Reġistru Pubbliku; l-Avukat Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli ġew maħtura kuraturi deputati b'digriet tal-5 ta' Frar, 2013 sabiex jirrappreżentaw lill-minuri C B; l-Avukat Mark Anthony Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' E kjamati in kawża b'digriet fl-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2013.*

*7. Illi permezz ta' din il-kawża l-Qorti ddikjarat li Jakub Osama Kaczmarek huwa l-wild ta' Al Shazliay Saleh Osama u konsegwentement ordnat illi fuq l-att tat-twelid tal-imsemmi tarbija jiġu kanċellati l-kliem "missier mhux magħruf" u minflok jitniżżel isem Al Shazliay Saleh Osama bħala l-missier bil-konnotati kollha tiegħu.*

*8. Illi l-konvenut kien unikament responsabbli għall-mewt tal-imsemmi Al Shazliay Saleh Osama.*

*9. Illi bħala riżultat tal-mewt tal-imsemmi Al Shazliay Saleh Osama l- esponenti u binha l-attur sofrew danni skont ma jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

10. *Illi l-esponenti tikkonferma li taf bil-fatti hawn elenkati personalment, u li għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Jgħid għalhekk il-konvenut (recte) għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

*(i) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-ħlas tad-danni sofferti mill-atturi bħala riżultat tal-inċident li seħħ fis-17 ta' Marzu, 2012 ġewwa San Ġiljan fuq imsemmi;*

*(ii) Tillikwida tali danni;*

*(iii) Tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.*

*Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż legali bir-riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-liġi u bl-inġunzjoni minn issa tal-konvenut in subizzjoni."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Antonel Dobre** (minn issa "l-konvenut") ippreżentata fl-4 ta' Mejju, 2015 fejn eċċepixxa:

1. *Illi l-azzjoni kif proposta hija improponibbli mill-atturi stante fid-data tal-mewt tad-decujus ebda wieħed miż-żewġ rikorrenti ma kien intitolat għas-suċċessjoni tiegħu;*
2. *Illi ebda wieħed miż-żewġ atturi ma sofrew danni in konsegwenza għall-inċident indikat fir-rikors promotur;*
3. *Illi l-esponenti mhuwiex responsabbli għall-inċident li wassal għall-mewt ta' Al Shazliay Saleh Osama anzi jirriżulta illi kien proprju d-defunt li pprovoka l-imsemmi incident u/jew li f'kull każ l-esponent kien ġustifikat fl-azzjonijiet tiegħu;*
4. *Illi mingħajr preġudizzju d-defunt ikkontribwixxa direttament għall-ħsara li huwa sofra frott l-inċident mertu ta' dan il-każ.*

Rat is-sentenza tagħha tas-16 ta' Diċembru 2015 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawża bil-produzzjoni tal-provi dwar il-mertu bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Rat l-affidavits tal-attriċi[1].

Rat l-atti tal-kawża Cit. Nru 271/2012 fl-ismijiet **Marta Kaczmarek vs. Direttur Reġistru Pubbliku** li ġew allegati mal-proċess.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Antonel Dobre** tal-4 ta' Frar, 2016.

Rat li l-konvenut naqas li jipproduċi l-provi tiegħu minkejja li ngħata iktar minn opportunità waħda biex jagħmel dan.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi proprio et nomine.[2]

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2016 il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi bħala provi dwar il-fatti, l-attriċi *pro et nomine* tiċċita l-proċess u s-sentenza

[1] A fol. 28 u 93 tal-proċess
[2] a fol 46 tal-proċess

tal-Qorti Kriminali kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali suċċitata.

Illi l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali jikkonsagra l-indipendenza tal-azzjoni kriminali minn dik civili. Fil-kamp ċivili l-proċediment irid isir *ex integro* indipendentement minn kwalsiasi sentenza mnissla minn azzjoni kriminali. Ara s-sentenza fl-ismijiet **Onor. Paul Boffa nomine et vs. Paul Zammit**, Prim'Awla, Qorti Civili, 6 ta' Frar, 1950 u d-deċiżjonijiet hemmhekk kompendjati.

Illi min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 627 (e) tal-Kapitolu 12 l-atti u r-reġistri tal-qrati tal-gustizzja huma ammissibbli bi prova *ex facie* – kompriż allura sentenza mogħtija minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (ara, ukoll, deċiżjoni tal-Prim'Awla, Qorti Ċivili tal-1 ta' Diċembru, 1955 fl-ismijiet **Carmelo Camilleri vs. Gejtu Cassar)**.

Illi ntqal fis-sentenza **Jane Carbonara vs. Mark Julian Ryan** [28.01.2004 P.A. (PS)] li:

> "Ġiet stabbilita wkoll *in criminalibus* ir-responsabilità penali tal-konvenut. Dan kif evidenzjat fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Jannar, 1998 (kopja esebita a fol. 123) dwar liema l-istess konvenut issokkomba;
>
> Issa hu minnu illi l-konvenut b'verbal ta' l-4 ta' Ġunju, 2002 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju (fol. 122) kien oppona għall-esebizzjoni tal-preċitata sentenza, imma, kif drabi oħra ritenut, din l-opposizzjoni "*non era fondata in diritto posto che in dottrina seguita, al dire del Laurent, dalla giurisprudenza si ritiene che il giudice civile possa al bisogno attingere gli elementi della sua canonizzazzione alle prove raccolte in procedimento penale*" (**Vol. XXV P I p 689**);
>
> Issokta jiġi rilevat mill-għaref Imħallef Dr. Alberto Magri f'żewġ sentenzi tiegħu fuq

> dan l-istess punt illi "ma jidherx fil-liġi li hemm xejn kuntrarju għall-eżibizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti; jekk imbagħad id-dokument eżebit, minħabba l-indipendenza tal-azzjoni ċivili mill-azzjoni kriminali, jistgħax jagħmel prova jew le, din hi kwestjoni oħra." (**Vol. XLII PII p868; Vol.XXXIX PII p768**);
>
> Mhux il-każ li tiġi investita ulterjorment din il-kwestjoni ġjaladarba f'dan il-ġudizzju l-provi dwar l-allegat delitt saru *ex novo*".

Illi f'dan il-każ, għalkemm m'hemmx il-qbil espress bejn il-partijiet, hemm il-kunsens taċitu tal-konvenut billi dan m'opponiex l-esibizzjoni tal-proċess kriminali.

Illi dawn is-siltiet mis-sentenza tal-Appell Kriminali jagħtu stampa ċara ta' kif seħħ l-inċident li wassal għall-mewt ta' Al Shazliay Saleh Osama:

> "(viii) Kemm l-appellant, mela, kif ukoll Radu Rica jgħidu li l-appellant imbotta lil Saleh. Iżda hemm provi oħra li juru l-kuntrarju."[3]

Imbagħad il-Qorti irriferiet għar-rapport nekroloġiku tal-Prof. M'Therese Camilleri u Dr. Sarfraz Ali li minnhom irriżulta li jgiddbu r-rakkont ta' Dobre u ta' Radu Rica.[4]

> "(xi) Hemm imbagħad ix-xhieda ta' Jesmond Vella li f'dak il-lejl kien qiegħed jaħdem bħala *bouncer* il-Clique u kien qiegħed mal-bieb biex jara li ma jidħol ħadd. Qal li rahom jitkellmu u f'daqqa waħda jara lil dak ta' karnaġġjon abjad jagħti daqqa ta' ponn lil dak ta' karnaġġjon iswed fuq moħħu fil-ġenb, fuq nagħsu. Ix-xhud qallu:

[3] Paġna 10 tas-sentenza.
[4] Paġna 10 tas-sentenza.

*"Why?"* Kif tahielu d-daqqa, il-vittma niżel mal-art: 'Bum, *knock-out*.'"[5]

"(xii) Hawn din il-Qorti sejra tirreferi għal video meħud mis-CCTV tal-ħanut Pizza by Luca li jinsab ftit 'il fuq mill-club Clique li jiġi bieb ma' bieb mad-Deja Vu. Din il-Qorti rat dan il-video diversi drabi, u b'mod partikolari dik il-parti rilevanti għall-każ. Ħin minnhom jidher il-vittma Saleh ħiereġ minn stabbiliment u tiela' 'l fuq u jingħaqad ma' grupp żgħażagħ. Jagħti daqqa t'għajn 'l isfel u jerġa' jkompli mal-grupp. Wara ftit sekondi (33 sekonda) jerġa' jħares 'l isfel – sadattant kienu ħarġu xi nies minn dak li kien jidher li kien l-istess lokal – jidher li jirrikonoxxi lil xi ħadd u jinżel 'l isfel b'pass mgħaġġel. Tnejn minn dawk il-persuni kienu Radu Rica u l-appellant. Jidhru wkoll żewġ persuni oħra. Saleh idur għal quddiem Radu Rica biex jiffaċċjah. Almenu wieħed miż-żewġ persuni li kienu ħarġu fl-istess ħin li ħarġu l-appellant u Rica jidher jersaq viċin. Sadattant l-appellant, min-naħa tax-xellug idur għan-naħa tal-lemin, jiġbed idu x-xellugija lura u jxejjer daqqa biha. Mill-video jidher li d-daqqa ħarġet b'saħħitha u dan hu kkorroborat minn dak li rriżulta lil Dr Mario Scerri kif spjegat f'paragrafu (x) u minn kif ddeskriva l-avveniment Jesmond Vella. Jiġifieri hawn si trattava ta' ferm aktar minn imbottatura."[6]

"(xiv) Huwa minnu li, in vista tal-fatt illi Radu Rica kien diġà ġie mweġġa' ġewwa d-Deja Vu u l-appellant seta' ħaseb illi Saleh kien ġie jiffaċċja lil Rica biex jerġa' jweġġgħu, iżda din il-Qorti hi tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi riżultanti, la jista' jingħad illi kien hemm perikolu gravi u lanqas perikolu assolut. Saleh mar jiffaċċja lil Rica proprju ħdejn membri tas-sigurtà tal-clubs Deja Vu u Clique li, anke skont Rica, intervenew. Ċertament ma kienx hemm il-ħtieġa li l-appellant ixejjer daqqa tant b'saħħitha li middet lil Saleh. Għalhekk id-difiża tal-leġittima difiża ma tistax tiġi akkolta."[7]

## Ir-responsabbiltà għad-danni

[5] Paġni 10 u 11 tas-sentenza.
[6] Paġna 11 tas-sentenza.
[7] Paġna 12 tas-sentenza.

Illi l-konvenut permezz tat-tielet eċċezzjoni jilqa' għat-talbiet tal-attriċi billi jsostni li mhuwiex responsabbli għall-inċident li wassal għall-mewt ta' Al Shazliay Saleh Osama, anzi jirriżulta illi kien proprju d-defunt li pprovoka l-imsemmi inċident u/jew li f'kull każ l-esponent kien ġustifikat fl-azzjonijiet tiegħu.

Illi kif ingħad fis-sentenza **Francesco Gauci vs. Salvatore Gauci** 30.11.1956 Appell Ċivili Kollez. Vol XL.i.376:

> "din il-kawża preżenti hi waħda ta' danni mhux kontrattwali, u lanqas akwiljani, imma danni konsegwenzjali għall-azzjoni kriminuża vera u proprja, u għalhekk japplikaw il-prinċipji tad-dritt kriminali".[8]

Illi fonti diretta tar-responsabilità tal-konvenut huwa l-att kriminuż tiegħu. Fil-25 ta' Marzu, 2015, il-Qorti Kriminali, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih bi tmien (8) voti favur u vot (1) kontra sabu lill-imsemmi Antonel Dobre ħati skont l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża b'dan però li r-reat huwa skużabbli, għaliex kien ipprovokat minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna, u b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabuh ħati skont it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża, iddikjarat lill-istess Antonel Dobre ħati talli kkaġuna offiża gravi fuq il-persuna li biha ġrat il-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li nqalat wara, b'dan li l-mewt ġrat fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofsillejl ta' qabel id-delitt, b'dan però li r-reat huwa skużabbli, għaliex kien ipprovokat

[8] Ara wkoll **Norbert Farrugia vs. John Farrugia et,** 13.03.2003, P.A. (NC).

minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju għalhekk li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni li jiskattaw mid-delitt tiegħu.

**Il-provokazzjoni tad-defunt**

Illi permezz tar-raba' eċċezzjoni ġie sostnut illi jekk il-konvenut kien responsabbli, id-defunt ikkontribwixxa direttament għall-ħsara li huwa sofra frott l-inċident mertu ta' dan il-każ.

Illi l-Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi kif ġej:

> "Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni."

Illi jqum hawnhekk il-kweżit: stabbilita r-responsabbiltà tal-konvenut għall-ħsara li għamel lill-vittma, u stabbilit ukoll li l-konvenut kien ipprovokat mill-vittma, jista' jingħad li l-vittma kkontribwixxa fi proporzjoni żgħir jew kbir għall-inċident u għalhekk għandu jkun hemm qsim tar-responsabilità bejn l-aggressur u l-vittma li pprovoka l-inċident?

Illi skont it-trattista kontemporanju Taljan **Cesare Massimo Bianca**[9] hemm żewġ skejjel ta' ħsieb dwar dan. Hemm min jaħseb li hemm konkorrenza ta' ħtija meta l-aggressur jaġixxi f'rabja mqanqla mill-fatt inġust tal-vittma jew waqt li jkun involut fi ġlieda mibdija mill-vittma. Min-naħa l-oħra hemm min jaħseb li l-aggressur, għalkemm ipprovokat, xorta waħda jaġixxi b'mod indipendenti mill-aġir tal-vittma biex jagħmel il-ħsara u għalhekk huwa responsabbli waħdu għaliha. Bianca jxaqleb lejn din l-aħħar fehma:

> *"Altro problema è quello relativo alla rilevanza della provocazione del danneggiato ai fini della riduzione del risarcimonto. Su tale problema le indicazioni giurisprudenziali non sono univoche. Un primo orientamento ravvisa l'ipotesi del concorso del fatto colposo del danneggiato quando il danneggiante abbia agito in stato d'ira provocato dal fatto ingiusto del danneggiato o sia stato coinvolto nella collutazione iniziata dal danneggiato.*
>
> *Altro orientamento esclude che possa ravvisarsi un concorso di colpa nella provocazione del danneggiato. In tal senso trae argomento dal rilievo che il danneggiante, seppure provocato, si determina autonomamente ad arrecare il danno. L'argomento appare valido, dovendosi tuttavia ammettere l'idoneità della provocazione a determinare in tutto o in parte l'altrui reazione dannosa quando ad essere provocata sia una persona psicolabile or di ridotta capacità d'intendere o di volere."*

Konformi għal din l-iskola ta' ħsieb, Cesare Massimo Bianca jiċċita sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni: C. 20 Ottobre 1975, n. 3447:

> *"nonostante lo stato d'ira e di rilassamento dei freni inibitori, la condotta del provocato non cessa di essere volontaria ed effetto di libera determinazione e configura, quindi, un fatto sopravvenuto sufficiente a produrre l'evento, rispetto al quale la provocazione costituisce un mero antecedente o condizione occasionale. Analogamente C. 18 ottobre, 2005, n. 20137".*

[9] **Diritto Civile, Vol 5, La Responsabilità** para. 54, seconda edizione, 2012

Illi konformi għall-ewwel orjentament Bianca jiċċita sentenza tal-Kassazzjoni Penali Taljana[10] kif ukoll lil kittieb **De Cupis**, in *Fpad*, 1954, III; 169, *e già Venezian*, *cit.* 314:

> *"il torto sofferto non dà diritto all'intero risarcimento (...) s'è reazione contro una provocazione".*

Illi Bianca iżda jiġbed l-attenzjoni tal-qarrej li anke l-ewwel skola ta' ħsieb teskludi l-konkorrenza ta' ħtija tal-vittma meta l-aggressur b'mod premeditat jirreaġixxi iktar milli jkun hemm bżonn jew biex ipattieha lill-vittma: C. 15 marzo 2007, n. 6009:

> *"il concorso del fatto colposo del danneggiato ai sensi e per gli effetti previsti dall'art. 1227 c.c., che è astrattamente configurabile in caso di partecipazione ad una colluttazione provocata ed iniziata dal danneggiato allorquando le lesioni inferte a quest'ultimo possono essere imputate ad una reazione difensiva, non può essere invece invocato dal danneggiante quando la lesione sia dovuta ad una reazione che abbia superato l'iniziale esigenza di difesa e si sia sviluppata in una aggressione consapevolmente e volontariamente eccedente detta esigenza, perchè dovuta a sentimento di ritorsione o di vendetta."*

Illi jidher li almenu fis-sentenza **Franco Galea vs. Joe Debono** [23.05.2008 Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Ġenerali (AE)] dik il-Qorti kienet inklinata lejn l-ewwel skola ta' ħsieb:

"M'hemmx dubju li l-konvenut kellu risentiment għal mod kif kellmu l-attur meta

[10] C. pen. 29 gennaio 1988, in ***Giust. pen.*** 1990, II, 405

kkomunika miegħu bit-telefon u l-Qorti verament temmen li dakinhar tal-inċident il-konvenut kellu inklinazzjoni ostili. Kif l-attur wieġbu bi kliem baxx u saħansitra offendieh billi reġa' semmielu lill-ommu (li mietet meta l-konvenut kien għadu tifel), il-konvenut irreagixxa. Skont il-ġurisprudenza hu prinċipju li r-reazzjoni sabiex tiġi ammessa l-iskużanti tal-provokazzjoni bħala mitigazzjoni tad-danni, jeħtieġ li tkun proporzjonata (ara pereżempju sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża **Francesco Gauci vs. Salvatore Gauci** deċiża fit-30 ta' Novembru, 1956). Il-provokazzjoni timplika li tkun saret xi ħaġa li ġġib magħha reazzjoni b'riżultat dirett u immedjat ta' dik il-provokazzjoni. M'hemmx dubju li l-attur tkessaħ iktar u iktar meta wieħed iqis kemm kien minuri l-inċident li seħħ fid-29 ta' Marzu, 2003, li fil-fehma tal-Qorti kellu jiġi riżolt b'mod ċivili u rieda tajba. Ċertament li l-atteġġjament insolenti u anke aggressiv tal-attur ikkontribwixxa sabiex ta lok għal bidu ta' din il-ġlieda inutli. Madankollu dan ma jfissirx li l-konvenut kien ġustifikat li jsawwat lill-attur u ċ-ċirkostanzi ma kinux tali li jiġġustifikaw dik it-tip ta' reazzjoni u ċertament wieħed ma jistax jeskludi r-responsabbiltà wkoll tal-konvenut għall-akkadut."

Illi fis-sentenza suċitata tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Francesco Gauci vs. Salvatore Gauci** jingħad kif ġej:

"Lanqas jista' l-konvenut jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni, jew, forsi aktar eżattament il-*"calor rixae"…* Del resto, huwa anki prinċipju ieħor li r-reazzjoni, biex tiġi ammessa l-iskużanti tal-provokazzjoni, jeħtieġ li tkun proporzjonata; u anki kieku wieħed kellu jimmaġina li l-attur beda biex ta daqqa ta' ponn lill-konvenut (dak li ma jirriżultax), b'daqshekk ma tistax tissejjaħ reazzjoni proporzjonata l-azzjoni feroċi tal-konvenut".

Illi fil-każ preżenti, jirriżulta li l-konvenut aggredixxa lill-vittma għax ried ipattihielu. Ried jagħmel vendetta mid-defunt talli dan kien aggredixxa lil ħabib tiegħu. Apparti li l-konvenut ma kienx hu l-persuna aggredita, il-konvenut ħebb għad-defunt f'mument meta kien għadda l-episodju li fih sieħbu seta' kellu bżonn min jaqbeż għalih, tant li kien hemm preżenti l-*bouncers* ta' stabbiliment viċin. Ic-CCTV juri kif il-konvenut qabel ta d-daqqa ta' ponn ma kienx wiċċ imb wiċċ mal-vittma iżda mexa apposta fid-direzzjoni

tiegħu. Tant ma kienx hemm lok għall-aggressjoni li wieħed mill-*bouncers* qallu *"Why?"* – għaliex mar jattakkah? Il-konvenut kien jaf tajjeb li ma kellux għalfejn jaggredixxi lill-vittma tant li gideb u stqarr li mbuttah, u mhux tah daqqa ta' ponn qawwija. Għalhekk, anke jekk wieħed jieħu l-ewwel linja ta' ħsieb imsemmi minn Bianca, u jakkorda, bħala prinċipju, ħtija kontributorja lill-provokatur, iċ-ċirkostanzi kienu tali li jeskludu din il-konkorrenza fil-kolpa, skont it-tagħlim tas-sentenza tal-Kassazzjoni C. 15 marzo 2007, n. 6009 suċċitata.

**Il-quantum tad-danni**

Illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Marta Kaczmarek vs. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (Rik. Ġur. Nru. 271/12) deċiża fit-30 ta' Ottubru, 2014 ġie stabbilit li Jakub Osama Kaczmarek huwa wild tad-defunt Osama Al Shazliay Saleh.

Illi dwar il-quantum tad-danni, din il-Qorti tagħmel riferiment hawnhekk għall-Artikolu 1046 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid:

> "Jekk minħabba l-egħmil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali kkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem,[11] skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan."

Illi l-attriċi *pro et noe* ssostni li l-vittma kien student fl-ewwel sena tal-kors tal-mediċina fl-Università ta' Tripli. L-attriċi *pro et noe* pproduċiet ċertifikat li juri li

[11] Sottolinear ta' din il-Qorti.

d-defunt kien beda l-ewwel sena tal-kors fis-sena akkademika 2007 - 2008[12]. M'hemmx prova li Osama Al Shazliay Saleh kompla l-kors. Meta Osama Al Shazliay Saleh inqatel fit-2012, huwa kien hawn Malta u mill-affidavit tal-attriċi stess jirriżulta li ma kompliex jistudja l-mediċina għalkemm kellu x-xewqa li jagħmel dan.

Illi l-Qorti m'għandhiex prova, fuq bażi ta' probabbilità, li Osama Al Shazliay Saleh kien effettivament sejjer jiggradwa bħala tabib. L-attriċi xehdet li hawn Malta d-defunt l-ewwel ħadem f'lukanda, imbagħad sakemm inqatel kien jaħdem ma' kumpannija ta' *interior designers*. L-attriċi *pro et nomine* ma resqet ebda prova dwar il-paga ta' Osama Al Shazliay Saleh. Għalhekk għall-fini ta' *lucrum cessans* din il-Qorti se tieħu l-paga minima kif inhija fil-preżent, li tammonta għal €168 fil-ġimgħa. Meta nqatel il-konvenut huwa kellu 26 sena. Jekk wieħed jieħu s-sena tal-irtirar bħala 65 sena, kellu 39 snin lavorattivi quddiemu. Preżumibilment huwa kien jaqla' €340,704. Jekk jitnaqqas 20% għal-*lump sum payment* is-somma tiġi €272,563. Din is-somma hija dovuta lil ibnu minuri bħala werriet tiegħu.

L-attriċi inkorriet €1653.59 spejjeż fil-kawża fl-ismijiet **Marta Kaczmarek vs. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**. L-attriċi tallega li kawża tal-inċident sofriet debilità mentali.[13] In sostenn ta' dan l-attriċi *pro et nomine* esebiet ċertifikat mediku li iżda huwa b'lingwa li l-Qorti ma tifhimx. Fl-assenza ta' provi dwar il-quantum tad-danni l-oħra sofferti mill-attriċi, din il-Qorti, li tħoss li ċertament l-attriċi sofriet telf pekunjarju kawża tal-qtil tas-sieħeb tagħha, li ħallieha

[12] A fol. 95
[13] A fol. 30

waħedha b'tarbija fil-ġuf, li l-Qorti qiegħda tillikwida *arbitrio boni viri* fis-somma ta' €20,000.

Illi fl-aħħar nett din il-Qorti tirrileva illi l-attriċi *pro et nomine* ma ġabitx prova li l-attur minuri Jakub Osama Kaczmarek huwa werriet ta' missieru, anki jekk fiċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna wieħed jista' jippreżumi dan bħala fatt li lanqas ġie attivament ikkontestat mill-konvenut minkejja l-eċċezzjoni li saret f'dan is-sens. Madankollu din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 720 sa 722 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sejra tordna lill-attriċi *proprio et nomine* sabiex tippreżenta r-riċerki testamentarji tad-defunt Al Shazliay Saleh Osama kkonfermati bil-ġurament suppletorju tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiċħad it-tieni, it-tielet, u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenut, u tilqa' t-talbiet attriċi billi:**

**(i) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-ħlas tad-danni sofferti mill-atturi bħala riżultat tal-inċident li seħħ fis-17 ta' Marzu, 2012 ġewwa San Ġiljan fuq imsemmi;**

**(ii) Tillikwida tali danni fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u ħamsin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€21,653.59) lill-attriċi f'isimha proprju u mitejn u tnejn u sebgħin elf, ħames mija u tlieta u sittin euro (€272,563) lill-attriċi in rappreżentanza ta' binha minuri Jakub Osama**

**Kaczmarek;**

**(iii) Tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni hekk likwidati, bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv;**

**(iv) B'applikazzjoni tal-Artikoli 720 sa 722 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-attriċi *proprio et nomine* sabiex fi żmien ġimagħtejn mid-data ta' din is-sentenza, tippreżenta permezz ta' nota fir-Reġistru dikjarazzjoni kkonfermata bil-ġurament suppletorju tagħha li binha Jakub Osama Kaczmarek huwa l-werriet tad-defunt Al Shazliay Saleh Osama, flimkien mar-riċerki testamentarji relattivi tal-istess defunt.**

**Spejjeż a kariku tal-konvenut.**

Moqrija.